MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' April, 2009

Numru 316/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Tony Cachia)**
**vs**

**ARONNE CAMILLERI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Aronne Camilleri ta’ 66 sena bin Joseph Camilleri u Gorga xebba Mifsud, mwieled Qormi, nhar it-13 ta’ Dicembru 1942, li joqghod 133, Triq il-Kbira, Zebbug, u detentur tal-karta ta’ l-identita numru 0667342M.

A) Billi gie akkuzat talli nhar id-29 ta’ Marzu 2009, ghall-habta tat-8:15pm, gewwa fond numru 133, Triq il-Kbira, Zebbug, 10 ta’ Jannar 2009, ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Doreen (Maria Dolores)

Bellizzi, skond ma iccertifika Dr Adrian Cordina Med reg no: 2641 mic-centru tas-sahha Qormi

B) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, gab ruhu b'imgieba li kkaguna lil haddiehor u cioe lil Doreen (Maria Dolores) Bellizzi, tibza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta xi hadd mid-dixxendenti, wara li kien jaf jew missu kien jaf li tal mgieba se tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza' kull darba minn dawn l-okkazjonijiet,

C) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi hebb ghal persuna ta' Doreen (Maria Dolores) Bellizzi sabiex jingurja, jdejjaq jew jaghmel hsara lil din il-persuna;

D) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded bil-kliem lil Doreen (Maria Dolores) Bellizzi.

E) U aktar talli fl-istess data ghall-habta tal-11:30pm gewwa l-ghassa ta' Haz-Zebbug Malta, ingurja u hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn sevizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz,

F) U aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt lit kun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew t'ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti,

G) U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, saq jew prova jsuq jew kellu l-kontroll ta' vettura tat-tip van Toyota bin-numru ta' registrazzjoni TFH 399, li tkun fi triq jew f'post pubbliku iehor jekk ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba x-xorb,

H) Aktar talli fl-istess data, hin u cirkustanzi, volontarjament, bil-lejl kiser l-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tipprovdi skond l-Art. 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghas-sigurta ta' Doreen (Maria Dolores) Bellizzi u l-familja taghha.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. CTP1 u nnutat li l-imputat Aronne Camilleri m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum il-parte civile Doreen (Maria Dolores) Bellizzi iddikjarat li qeghda tahfer lill-imputat dwar l-akkadut u iddikjarat li qeghda tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat kull fejn hu rinunzjabbli.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputat, fil-presenza tal-avukati difensuri tieghu, iddikjara li hu hati tal-akkuzi B), E), F), G) u H) migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi B), E), F), G) u H) migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 95, 96, 251B, 338(dd) tal-Kap. 9 u l-artikolu 15A tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Aronne Camilleri, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi B), E), F), G) u H) migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi dak dikjarat mill-parte civile Doreen (Maria Dolores) Bellizzi fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u l-fedina penali tal-imputat u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Aronne Camilleri ghall-piena komplessiva ta' sena prigunerija u sitt mija u ghoxrin Euro (Euro 620) multa u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat Aronne Camilleri jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rigward l-akkuzi A), C) u D) migjuba kontra l-imputat Aronne Camilleri tiddikjara procediment esaurit stante rinunzja da parti tal-parte civile Doreen (Maira Dolores) Bellizzi.

Inoltre, il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 15H(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-imputa Aronne Camilleri milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur millum.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Aronne Camilleri b'obbligazzjoni personali ta' tlett mitt Euro (Euro 300) li jzomm il-kwiet ma' Doreen (Maria Dolores) Bellizzi u l-familja taghha u li jzomm il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Aronne Camilleri l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM---------------------------------